VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,920, 25 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 171 tal-2012

ATT DWAR IL-KUMPANNIJI
(KAP. 386)

Regolamenti tal-2012 biex jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kumpanniji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bis-subartikolu (1) tal-artikolu 425 tal-Att dwar il-Kumpanniji, l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolament li ġejjin:

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 biex jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kumpanniji, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kumpanniji, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa "it-Tieni Skeda". Kap. 386.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu, parzjalment, biex jiġi implementat l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq).

Jemenda l-paragrafu 1 tat-Tieni Skeda.

2. Fil-paragrafu 1 tal-Parti A tat-Tieni Skeda, minnufih wara l-kliem "il-kondizzjonijiet finali ta' l-offerta.", għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"Referenzi għal "AETS" huma referenzi għall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010.".

Jemenda l-paragrafu 23 tat-Tieni Skeda.

3. Fis-subparagrafu (2) tal-paragrafu 23 tal-Parti A tat-Tieni Skeda, minflok il-kliem "l-abbozz tal-prospett.", għandhom jidħlu l-kliem "l-abbozz tal-prospett. Ir-Reġistratur għandu, fl-istess ħin, jinnotifika wkoll lill-AETS dwar din l-approvazzjoni, u għandu jibgħat kopja ta' dak il-prospett lill-AETS.".

Jemenda l-paragrafu 24 tat-Tieni Skeda.

4. Fis-subparagrafu (1) tal-paragrafu 24 tal-Parti A tat-Tieni Skeda, minflok il-kliem "bla ħsara għall-qbil minn qabel ta' l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

awtorità regolatorja ta' l-Istat l-ieħor.", għandhom jidħlu l-kliem "bla ħsara għan-notifika minn qabel lill AETS u għall-qbil minn qabel tal-awtorità regolatorja tal-Istat l-ieħor.".

Jemenda l-paragrafu 27 tat-Tieni Skeda.

5. Il-paragrafu 27 tal-Parti A tat-Tieni Skeda għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (1)(a) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "f'wieħed jew iżjed Stati Membri, minbarra Malta jew Stati taż-ŻEE", għandhom jidħlu l-kliem "f'wieħed jew iżjed Stati Membri jew Stati taż-ŻEE, minbarra Malta"; u

(ii) minflok il-kliem "sakemm l-awtorità regolatorja ta' kull Stat Membru jew Stat taż-ŻEE ospitanti tiġi notifikata skond is-subparagrafu (1)(b)", għandhom jidħlu l-kliem "sakemm l-AETS l-awtorità regolatorja ta' kull Stat Membru jew Stat taż-ŻEE ospitanti jiġu wkoll notifikati skont is-subparagrafu (1)(b)";

(b) fis-subparagrafu (1)(b) tiegħu, minflok il-kliem "għal kull suppliment tal-prospett.", għandhom jidħlu l-kliem "għal kull suppliment tal-prospett. Ir-Reġistratur għandu jinnotifika lill-AETS dwar dak iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tal-prospett fl-istess ħin li dan jiġi notifikat lill-awtorità regolatorja tal-Istat Membru jew Stat taż-ŻEE ospitanti."; u

(ċ) minnufih wara s-subparagrafu (3) tiegħu, għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(4) Il-lista ta' ċertifikati ta' approvazzjoni ta' prospetti u kull suppliment anness magħhom, li jiġu notifikati lir-Reġistratur skont is-subparagrafu (2), għandhom jiġu pubblikati fuq sit tal-web miżmum mir-Reġistratur u għandhom jibgħu fuq is-sit tal-web għal perjodu ta' tnax-il xhar.".